

kitba ta' Carmel Vella



# L-Imtieħen tar-Riħ fis-Siġġiewi

## It-tħin tal-qamħ fi żmien il-Qedem

Sa mill-ibgħad żminijiet in-nies kienu jiddependu għall-għajxien tagħhom miż-żrieragħ jew ċereali bħal qamħ, xgħir, qamħirrun, ross u oħrajn ta' din ix-xorta. Il-Maltin minn dejjem użaw il-ħobż magħmul mid-dqiq tal-qamħ bħala l-element bażi tal-ikel tagħhom. Il-qamħ irid, qabel xejn, jintaħan biex minnu joħroġ id-dqiq wara li jssaffa mill-qoxra u l-ħliefa ta' barra.

Xi fdalijiet li jmorru lura għaż-żmien Neotiliku jagħtuna ħjiel ta' kif il-qamħ kien jitkisser bl-idejn ġewwa mehrież tal-ġebel u wara li jinsaħaq sewwa kienu jsaffuh minn għarbiel fin li minnu jgħaddi d-dqiq u jħalli warajh il-fdal tal-qoxra li ssir nuħħala tajba għall-għalf tat-tjur u l-bhejjem.

Meta l-Gżejjer Maltin ġew maħkuma minn popli aktar ċivilizzati, dawn daħħlu metodi oħra kif joħorġu t-tqiq mill-qamħ, fosthom dak li jintużaw żewġ roti tqal taż-żonqor, waħda ddur fuq l-oħra, bil-qamħ jitkisser u jinsthaq fl-ispazju ta' bejniethom. Il-blata ta' fuq kienet iddur b'manku tal-injam li jitħaddem bl-idejn jew permezz ta' bhima marbuta miegħu u li ddur dawra mejt b'mixi kontinwu. Għadd ta' familji fl-irħula kien ikollhom post fid-dar, magħruf bħala l-mitħna, fejn ħmar jew bagħal kien idawwar ir-rota tal-ġebel, biex b'hekk jitħnu l-qamħ u x-xgħir li kien ikollhom ġewwa darhom. Uħud minn dawk l-imtieħen tad-djar kienu għadhom jintużaw fl-irħula sal-ewwel snin tas-seklu li għadda, jiġifieri sa anqas minn mitt sena ilu.

Matul il-Mejdu Evu, fl-Ewropa bdew jidhru l-imtieħen tar-riħ f'diversi pajjiżi, l-aktar fi Spanja. Minn meta Malta waqgħet f'idejn l-Ispanjoli fis-Seklu Tlettax sal-miġja tal-Kavallieri fl-1530, f'Malta wkoll inġiebu xi ftit minnhom. Imma kienu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, mis-Seklu Sbatax 'il quddiem, li daħħlu fil-Gżejjer tagħna l-imtieħen tar-riħ, li għadd sewwa minnhom għadhom f'posthom sal-ġurnata tal-lum.

## Jidħlu l-Imtieħen tar-riħ

Il-Gran Mastru Nikol Cotoner, li kien Spanjol, ġab nies tas-sengħa minn pajjiżu li wasslu biex inbnew dawk l-imtieħen f'diversi nħawi ta' Malta u Għawdex. Billi l-provista ta' qmugħ kienet ta' ħtieġa kbira għal waqt xi assedju, il-Kavallieri kellhom monopolu għal bini u għat-tħaddim ta' dawk l-imtieħen. Inħolqu wkoll fondazzjonijiet biex id-dħul mill-kera jew ċens li jitħallas fuqhom imur għall-manteniment tax-xwieni u tas-swar.

Nikol Cotoner bena żewġ imtieħen fuq is-sur ta' San Mikiel fl-Isla biex bid-dħul minnhom jipprovdi għal ħarsien tas-swar ta' dawk l-inħawi. Bil-fondazzjoni tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722–36) inbnew għadd ta' mtieħen kemm ġewwa s-swar tal-Kottonera kif ukoll f'għadd ta' rħula Maltin u Għawdxin. Kien hemm żmien meta f'Malta kien hawn 54

mitħna tar-riħ u 15 oħra ġewwa Għawdex. Il-biċċa l-kbira minnhom inbnew bejn l-1663 u l-1773, l-aktar taħt il-Gran Mastri Jean Paul Lascaris, Nikol Cotoner Manoel de Vilhena.

Uħud mill-imtieħen kienu jingħataw b'kera lit-taħħan li jħaddimhom, waqt li oħrajn kienu jkunu f'idejn kuntratturi mqabbdin mill-gvern tal-Ordni. Minn dak il-monopolju l-gvern kien idaħħal 12,000 skud fis-sena. Ta' min jgħid, li l-monopolu fuq l-imtieħen baqa' fis-seħħ, wara t-tluq minn Malta tal-Kavallieri, sal-ewwel snin tal-ħakma Ingliża. Kien taħt il-Gvernatur Sir Henry Bouverie, fis-sena 1838, li l-monopolju tneħħa minn idejn il-gvern.

## It-Tliet Imtieħen tas-Siġġiewi

Wibo Jellema, ċittadin studjuż mill-Olanda, għandu sit interessanti fuq l-Internet dwar l-imtieħen tar-riħ f'Malta. F'dan is-sit, barra minn ħafna tagħrif siewi fuq l-imtieħen, wieħed isib lista sħiħa tal-imtieħen kollha ta' Malta u ta' Għawdex, b'deskrizzjoni u ritratt kulurit ta' kull waħda.[1] Dwar is-Siġġiewi nsibu li, fost it-tliet imtieħen li hemm fir-raħal, l-aktar waħda antika hija dik tal-Kerċeppu, in-naħa t'isfel ta' Triq Santa Margerita lejn Ħaż-Żebbuġ, li inbniet għal ħabta tas-sena 1650 taħt il-Gran Mastru Jean Paul Lascaris.

Din il-mitħna, li għada fil-post u fi stat mhux ħażin, ilha ħafna li waqfet taħdem u ilha snin twal isservi ta' dar privata. Permezz ta' din l-ewwel mitħna tar-riħ, in-nies tas-Siġġiewi setgħu jibdew jitħnu l-qamħ tagħhom f'din il-mitħna komunali u jeħilsu mix-xogħol tat-tħin ġewwa darhom bil-mezzi primittivi li kellhom.

Nafu li fiż-żmien li nbniet din il-mitħna, is-Siġġiewi kellu bennej tal-imtieħen, Mastru Nikol Camilleri. Fit-triq li tieħu mill-Imdina għal Mosta għad hemm mitħna li mal-faċċata tagħha tinsab skrizzjoni bit-Taljan, bid-data 175/6, li tgħid li dak il-bini kien disinjat mill-*Kapu Mastru Francesco Zerafa waqt li Nikol Camilleri mis-Siġġiewi kien l-imgħallem bennej*.[2] Kif għidna, il-mitħna tal-Kerċeppu nbniet fl-1650, seba' snin qabel dik tal-Mosta, u allura wieħed jassumi li kien Nikol Camilleri li bena dik l-ewwel mitħna fir-raħal.



*It-tank – Triq il-Mitħna Seklu XVIII*

Fis-sena 1721, ftit qabel laħaq Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722–1736), Malta kienet għaddejja minn mumenti ta' għaks u nuqqas kbir ta' xogħol. Biex itaffu xi ftit għal dik il-qagħda mwiegħra, il-Kunsill tal-Ordni ħaseb biex, bil-ġid li ħalla wara mewtu l-Gran Mastru Gregorio Caraffa, jinbnew 10 imtieħen tar-raħal f'għadd ta' rħula ta' Malta u Għawdex.[3] Is-Siġġiewi kien wieħed

mill-irħula magħżula u b'hekk ir-raħal issa kellu t-tieni mitħna tiegħu, dik li għadna nistgħu naraw fi Triq il-Mitħna. Bħal dik tal-Kerċeppu, din ilha ħafna snin li waqfet mix-xogħol tat-tħin u t-tromba tagħha ilha 'l fuq minn mitt sena sservi bħala tank fil-għoli għall-ħażna u l-provista tal-ilma fir-raħal. Minn dak iż-żmien 'il hawn dik il-mitħna tas-Seklu Tmintax sirna nafuha bħala 'It-Tank'.

Dawn l-Imtieħen baqgħu jinbnew ukoll wara li spiċċaw il-Kavallieri u Malta għaddiet taħt it-tmexxija tal-Ingliżi. Fil-fatt, it-tielet mitħna tas-Siġġiewi nbniet fl-1879. Din tinsab fi Triq il-Fawwara u hi magħrufa bħala tal-Barbażepp. Kien bnieha ċertu Ġużepp Sammut u wara ħafna żmien biegħha lil wieħed Kanadiż. Meta dan miet, il-mitħna biddlet diversi idejn imma baqgħet dejjem taħdem u titħan il-qamħ u ż-żrieragħ sas-sena 1930. Jiena niftakarha sewwa din il-mitħna għadha ddur u titħan il-qmugħ tal-bdiewa Siġġiewin. Illum, bħal dik tal-Kerċeppu, il-mitħna tal-Barbażepp hi użata bħala dar privata.

## Il-forma tal-Imtieħen

Ħlief għal xi eċċezzjoni waħda jew tnejn, l-imtieħen Maltin kienu, bejn wieħed u ieħor, tal-istess għamla. Tromba ċilindrika, b'dijametru ta' 3 metri u għoli ta' 15-il metru, kienet tpoġġi fuq bini kwadru li kien iservi għat-tħin kif ukoll ta' dar għal sid il-mitħna. Dak il-bini kellu bieb ewlieni fuq barra jagħti għal ġo kamra mdaqqsa li, mal-ġnub tagħha kellha żewġ kmamar żgħar – waħda biex jinżamm fiha l-qamħ li jidħol għat-tħin u l-oħra għall-ħażna tat-tqiq u nuħħala li joħorġu mill-mitħna. Fit-tieni sular kien hemm kmamar oħra li fihom kien jgħammar it-taħħan u l-familja tiegħu.


*Il-Mitħna ta' Kerċeppu 1650?*

Fuq wara tal-kamra ewlenija kien hemm il-garigor b'xi 50 tarġa li jduru 'l fuq sas-saqaf tat-tromba. Dan is-saqaf kien qisu koppletta, forma ta' lembut, li kien idur fuq ċirku tal-ħadid mar-raddiena ta' barra skont ir-riħ li jkun.

Il-makkinarju li jħaddem il-mitħna kien jitwaħħal taħt il-koppletta tat-tromba. Fuq barra tat-tromba, raddiena b'sitt antenni kienet iddur fuq fus orizzontali mqabbad mal-ingranaġġ ta' ġewwa. L-antenni tar-reddiena kienu jinksew bix-xoqqa u jservu ta' qlugħ biex jaqbdu r-riħ. Waqt li dawn iduru, l-istess fus idur bil-koppletta b'kollox u jħaddem ingranaġġ ieħor li jdawwar xaft vertikali tul it-tromba. Bit-tarf t'isfel tiegħu, ix-xaft idawwar r-rota tqila taż-żonqor fuq blata oħra mwaħħla taħtha. Fl-ispazju bejn iż-żewġ ħaġriet jintaħan il-qamħ u żrieragħ oħrajn. Dak il-frak misħuq li joħroġ minn bejn il-blatiet, imbagħad jgħaddi mill-



*Il-Mitħna tal-Barbażepp, Triq il-Fawwara 1879*

għariebel u jissaffa fi tqiq, smid, nuħħala u prodotti oħra skont iż-żerriegħa li tkun.

## Ħtieġa tar-Riħ

L-imtieħen kienu jieħtieġu r-riħ biex jaħdmu sewwa. Meta jaħbat xi jum bla riħ kien jieqaf ix-xogħol tat-tħin. Meta r-riħ ikun tajjeb, it-taħħan jitla' fuq il-bejt tal-mitħna u jonfoħ b'saħħtu kollha fil-*bronja* biex jgħarraf 'il-klijenti tiegħu li setgħu jġibu l-qamħ tagħhom għat-tħin. Ħafna nisa tad-dar kienu jħaffu bl-ixkejjer mimlija qamħ biex malajr kemm jista' jkun jiksbu t-tqiq meħtieġ għal ħobż ta' kuljum u n-nuħħala għall-għalf tat-tjur u tal-bhejjem li jkollhom. Il-bronja tat-taħħan kienet tkun arzella tal-baħar qisha qarn (Triton variegatus) li kienet twassal leħenha fil-bogħod u tinstema' mill-ibgħad irkejjen tar-raħal.

## Tmiem l-Imtieħen tar-Riħ

Fl-aħħar snin tas-Seklu Dsatax bdew jidhru f'Malta mtieħen li jaħdmu bl-istim. Fis-Siġġiewi kellna waħda minn dawk l-imtieħen ġewwa dar, li llum iġġib Nru 91, fin-naħa ta' fuq ta' Triq Santa Margerita. Fuq il-ħnejja tal-bieb ta' din id-dar għad hemm il-kitba, b'ittri kbar, *Mulino a Vapore*.

Aktar tard, għal ħabta tas-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, daħal makkinarju aktar modern li allura kien ifisser it-tmiem għal dejjem tal-imtieħen tar-riħ. Wieħed jistagħġeb kif dik tal-*Barbażepp,* fi Triq il-Fawwara, wasslet sas-sena 1930.

**Kif rajna f'din il-kitba, it-tliet imtieħen li kellna fis-Siġġiewi għadhom magħna sal-lum – tnejn bħala djar privati u oħra bħala t-Tank tar-raħal. Dawn issa saru patrimonju ta' siwi kulturali u ta' min jieħu ħsiebhom sewwa. Huma elementi fejjieda li jgħaqqduna mal-imgħoddi, għax jagħtuna ħjiel tal-ambjent li fih kif kienu jgħixu missirijietna f'dawk is-snin imbiegħda fis-Siġġiewi tagħna.**


Sorsi:

1 http://windmillsofmalta.nl
2 A.P. Vella, Storja ta' Malta, Vol. II p. 305
3 AOM Ms 290, f.29.